MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2008

Numru. 1223/2006

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR JESMOND BORG**

**KONTRA**

**JESMOND PORTELLI**
**MICHAEL MICALLEF**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Jesmond Portelli ta’ 21 sena, bin Nazzareno u Georgina u Mary Grace nee’ Schembri, imwieled Pieta fil- 5 ta’ Marzu 1985 u residenti fil- fond Nru. 110B, Triq il- Marlogg,

Zabbar u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 162085(M)

U

Michael Micallef maghruf bhala it- Tikka ta' 49 sena, bin il- mejtin Carmel u Carmela nee' Vassallo, mwieled Zabbar fis- 27 ta' Marzu, 1957 u residenti fil- fond 'Narcis', Triq il- Bumunqar, Zabbar u detentur tal- karta tal- identita' bin- numru 275757(M)

Li gew imressqa quddiemha sabiex iwiegbu ghall- imputazzjonijiet;

Talli

1) Nhar is- 16 ta' Novembru 2006, ghal habta tat- 8.40am , gewwa tlett garaxxijiet numri 9, 10 u 11 li jinsabu fi Triq A.M. Valperga, Fgura, bil- hsieb li jaghmlu delitt u cioe' dak ta' serq ta' vettura tal- ghamla Plymouth, mudell Baracuda, bin- numru tar- registrazzjoni ABM- 191 u oggetti ohra mill- garaxxijiet, wrew dan il- hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall- esekuzzjoni tad- delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill- volonta' taghhom, u li kieku sehh dan id- delitt kien ikun ikkwalifikat bil- mezz, bil- valur, bil- lok u bix- xorta ta' haga misruqa, ghad- dannu ta' Anthony Delia mil- Fgura u dana bi ksur tal- Artikolu 41 (1) (a), 263, 267, 269 u 271 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

2) Aktar talli fis- 16 ta' Novembru 2006 ghal habta ta' 8.40am, ikkawzaw hsarat volontarjament fuq il- bieb ta' garaxx nru. 11 li jinsabu fi Triq A.M Valperga, Fgura, liema hsara teccedi Lm10 izda mhux izjed minn Lm 50 ghad- detriment ta' Anthony Delia mil- Fgura u dana bi ksur tal- Artikolu 325 (c ) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

3) Akkuzati ukoll talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi fil- Fgura, wara li kienu gew kkundannati f'Malta ghal serq jew ghal ricettazzjoni, instabu fil- pussess taghhom ghodod tajbin ghall- ftuh jew sgassar ta' serraturi minghajr ma taw kont sodisfacenti ghal liema

skop legittimu instabu ghandhom u dana bi ksur tal-Artikolu 287 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

4) Akkuzzat ukoll talli fl- istess data, hin, lok u cirkosatnzi, f'dawn il- Gzejjer minghajr licenzja tal-Kummissarju tal- Pulizija kellhom fil- pusses taghhom jew kontroll taghhom munizzjon ippropjbit u dana bi ksur tal-Artikolu 3(A) u l- iskeda Nru. 1 u l- Artikolu 5 (1) u l- iskeda Nru. 2 tal- Kapitolu 480 tal- Ligijiet ta' Malta;

5) Kif ukoll akkuzati talli saru recidivi b'diversi sentenzi moghtija mill- Qrati ta' Malta saru definittivi u ma jistghu jithassru qatt;

6) Lil Jesmond Portelli wahdu akkuzat talli nhar is-16 ta' Novembru 2006 u fil- granet u x- xhur ta' qabel, f'dawn il- Gzejjer, saq vettura tal- ghamla Volkswagen, mudell Jetta ta' lewn dehebi u li ghandha numru tar-registrazzjoni JAA 769 minhgajr licenzja mill-Kummissarju tal- Pulizija jew mid- Direttur tad-Dipartiment tal- Licenzji, u b'hekk ma kienx assigurat kontra terzi persuni ma' kumpanija tal- assigurazzjoni u dana bi ksur tal- Artikolu 15 (1) (a) tal- Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

7) Barra minn hekk akkuzat ukoll talli Jesmond Portelli kiser il- kundizzjonijiet imposti fuqu mill- Magistrat Dr Antonio Mizzi LL.D fil- Qorti tal- Magistrati (Malta), liema kundizzjonijiet saru effettivi mill- 5 ta' Marzu 2004

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti li taw lok ghal dan il-kaz huma s-segwenti. Fid-data u l-hin indikati, l-imputati inqabdu *in flagrante delicto*

gewwa garaxx proprjeta’ ta’ Anthony Delia, precizament fil-vettura proprjeta’ tieghu li kienet gewwa l-garaxx imsemmi. Dan il-garaxx jifforma parti minn kumpless ta’ garaxxijiet sitwati that id-dar residenzjali ta’ Delia, u tlieta minn dawn il-garaxxijiet huma fil-fatt proprjeta’ tieghu. Inoltre, dawn il-garaxxijiet jinfdu mad-dar ta’ Delia, u kien proprju minhabba f’hekk li l-imputati inqabdu hemm gew, peress illi Terence Delia, iben Anthony, sema’ xi hsejjes fil-garaxx u meta nizel jara x’kien hu ra lill-imputati flimkien ma’ terz. Il-bieb tal-garaxx kien sgassat minn barra, u l-imputati kienu gewwa l-vettura. L-iskop ghalfejn huma kienu hemm huwa wiehed, u cioe’ biex jisirqu proprjeta’ ta’ haddiehor. Tant hu hekk li hekk kif inqabdu, huma telqu minn fuq il-post permezz ta’ karozza ohra misjuqa minn Portelli. Ghalhekk huma gew interrotti fis-serqa, u din ma twettqitx minhabba f’xi haga indipendenti mill-volonta’ taghhom. Il-Qorti tista’ tippresumi li l-oggett tas-serqa kienet il-vettura innifisha, u mhux xi haga ohra fl-istess vettura jew fil-garaxx, bhal per ezempju l-istereo tal-karozza. Dan qed jinghad ghax huwa inverosimili li persuna tisgassa garaxx biex tisraq stereo ta’ karozza, meta hawn eluf ta’ karozzi barra fit-triq accessibbli aktar facilment minn karozza msakkra f’garaxx.

Ghalhekk il-Qorti hi konvinta li l-imputati zgur huma hatja ta’ attentat ta’ serq aggravat bil-valur li jeccedi l-elfejn u tlitt mitt ewro u bil-mezz, izda mhux aggravat bil-lok u l-anqas bix-xorta tal-haga misruqa. Dan qieghed jigi pprecizat mill-Qorti peress illi l-vettura in kwistjoni ma kienetx fi triq pubblika izda fi proprjeta’ privata, u ghaldaqstant ma tistax tirrisulta l-aggravanti tal-lok. Konsegwentement l-anqas l-aggravanti tax-xorta tal-haga misruqa ma tista’ tirrisulta, peress ili din hija intrinsikament marbuta ma’ dik ta’ qabilha. L-aggravanti tal-valur qed jigi determinat li jeccedi l-elfejn u tlitt mitt ewro peress illi minkejja li ma ingiebet ebda prova tal-valur tal-vettura, fix-xiehda tieghu Anthony Delia jistmaha madwar hmistax-il elf Liri Maltin, ekwivalenti llum ghal madwar hamsa w tletin elf Ewro. Ghalkemm ma ngiebet ebda prova konkreta, din hija “classic car” amerikana, u l-Qorti hi tal-fehma li anke jekk din ma tiswax ezatt daqshekk, zgur li l-valur taghha hu ta’ aktar minn elfejn u tlitt mitt Ewro.

Ghalhekk l-ewwel imputazzjoni tirrisulta ppruvata kif kwalifikata hawn aktar qabel.

Apparti l-imputazzjoni ta’ attentat ta’ serq, li giet ippruvata mill-prosekuzzjoni kif gia’ intqal, l-imputati qed iwiegbu ukoll ghal imputazzjonijiet ohra, li l-Qorti ser tikkunsidra serjalment. It-tieni imputazzjoni tittratta hsara volontarja fil-proprjeta’ ta’ Anthony Delia, u cioe’ il-bieb sgassat tal-garaxx. Din fil-fehma tal-Qorti ukoll giet ippruvata mill-prosekuzzjoni, izda peress illi hi mezz ghal fini ghaldaqstant bhala piena ghandha tigi assorbita ma’ tal-ewwel.

Kwantu ghat-tielet imputazzjoni, ta’ pussess ta’ ghodda ghall-uzu fis-serq, din ukoll tirrisulta, izda fil-fehma tal-Qorti hija aktar akkademika minn haga ohra, peress illi l-ewwel imputazzjoni, u cioe’ r-reat ta’ attentat ta’ serq, giet ippruvata. Ghalhekk, ghalkemm din it-tielet imputazzjoni ukoll tirrisulta, bhala reat hu kompriz u involut f’dak ta’ attentat ta’ serq, u ghalhekk ghal din l-imputazzjoni ukoll ser ikun hemm assorbiment fil-piena mal-ewwel imputazzjoni. Fi kliem iehor, l-ewwel tlitt imputazzjonijiet jirrisultaw, izda kwantu ghal piena din ser tigi assorbita f’wahda.

Ir-raba’ imputazzjoni, dik ta’ pussess ta’ munizzjon konsistenti fi skartocc wiehed, ukoll tirrisulta, izda bla dubju ta’ xejn bhala piena din hija wahda minima meta mqabbla mal-piena applikabbli ghal-ewwel reat, u hawnhekk ukoll ser ikun hemm assorbiment fil-piena.

Sa hawnhekk il-kaz ghall-Prosekuzzjoni kien wiehed felici. L-ewwel erba’ imputazzjonijiet gew ippruvati, u l-Qorti tista’ tghaddi biex tezamina l-imputazzjonijiet l-ohra, wahda fil-konfront taz-zewg imputati, u cioe’ dik tar-recidiva, u tnejn ohra fil-konfront ta’ Portelli wahdu. Kwantu ghall-imputazzjoni tar-recidiva, mill-atti l-Qorti rat illi s-sentenzi esebiti fil-konfront tal-imputati ma jistghux jitqiesu bhala prova f’dan ir-rigward. Ma hemmx prova tal-identita’ fuq l-istess sentenzi, la permezz ta’ xhieda f’dan is-sens u l-anqas mid-dokumenti innifishom, u ghaldaqstant il-Qorti trid bil-fors tiskarta din l-imputazzjoni

u tittratta mal-imputati daqs li kieku ma humiex recidivi. Ghalhekk il-Qorti qieghedha tillibera lill-imputati mill-hames imputazzjoni, u cioe' dik tar-recidiva.

Jifdal biss, ghalhekk, zewg imputazzjonijiet ohra fil-konfront ta' Jesmond Portelli wahdu, u hawnhekk ukoll fil-fehma tal-Qorti l-prosekuzzjoni ma ppruvatx dawn iz-zewg imputazzjonijiet. Ghar-rigward tan-nuqqas ta' licenzja tas-sewqan, din ma rrisultatx, anke mix-xiehda tar-rappresentant tal-ADT, u rigward is-sewqan minghajr kopertura ta' assikurazzjoni, apparti li din hi marbuta ma' ta' qabilha u ghalhekk ukoll ma gietx ippruvata, l-Avukat Generali fin-nota tar-Rinviju ghall-Gudizzju tieghu naqas milli jindika l-Artikolu 3 tal-Kap 104, u ghaldaqstant il-Qorti l-anqas biss tista' tikkonsidra tali imputazzjoni, daqs li kieku dik l-istess imputazzjoni ma inghatatx. Ghalhekk il-Qorti qieghedha tillibera lil Portelli minn dawn iz-zewg imputazzjonijiet ukoll.

Nigu ghalhekk biex nikkunsidraw il-piena. Is-serq aggravat bil-valur li jeccedi l-elfejn u tlitt mitt Ewro u aggravat bil-mezz igib mieghu piena ta' minimu ta' tlittax-il xahar u massimu ta' seba' snin, li ma tistax tinghata fil-minimum taghha. Madankollu, it-tentattiv ta' serq jonqos bi grad jew tnejn mill-piena ta' serq, u ghalhekk il-Qorti tista' tikkunsidra piena ta' bejn disa' xhur u hames snin prigunerija. Jifdal ghalhekk li l-Qorti tara jekk ikunx idoneju li tinghata piena ta' prigunerija effettiva, jew tinghata sentenza sospiza. Il-Qorti qieghedha teskludi li tapplika xi disposizzjoni tal-Kap 446, peress illi fil-fehma taghha l-imputati jisthoqilhom taghlima u deterrent. Fil-verita', il-fedina penali tal-imputati m'hix xi wahda hazina, anzi hija wahda kwazi netta. Jibqa' l-fatt, izda, li l-imputati kienu ser iwettqu reat serju, u ma tistax il-Qorti ma zzomx bilanc bejn il-liberta' tal-imputati u d-drittijiet ghat-tgawdija tal-proprjeta' private tas-socjeta' in generali. Ghalhekk il-Qorti sejra taghti piena ta' prigunerija, izda ser izzommha milli tidhol fis-sehh ghal perijodu determinat skond il-ligi.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 41 (1) (a), 261 (a) (b) (c) (g), 262 (1) (a) (b), 264, 265, 266, 267, 269 (g), 278, 279 (b), 280, 281, 287, 325 (1) (c), 289, 17, 23, 31 u 533 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta, 3(a), 5(1) tal- Kapitolu 480 tal- Ligijiet ta’ Malta, 15 (1) (a) tal- Kapitolu 65 tal- Ligijiet ta’ Malta, 7, 21, 22, 23, 24 u 25 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputati hatja tal-ewwel erba’ imputazzjonijiet, u tikkundannahom terminu ta’ prigunerija ta’ sena sospiza ghal tlitt snin that supervizjoni ta’ Ufficjal tal-Probation, ai termini tal-Artikolu 28G tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------